# Limiti ta' żmien fuq il-proċeduri

Spanja

Il-kontenut ipprovdut minn

European Judicial Network (in civil and commercial matters)

## 1 X'inhuma t-tipi ta' skadenzi rilevanti għall-proċeduri ċivili?

L-atti proċedurali jridu jitwettqu sa *skadenzi* speċifiċi jew fi ħdan il-*perjodi ta' żmien* stipulati bil-liġi.

Skadenza tispeċifika ż-żmien sa meta jrid iseħħ att proċedurali partikolari.

Perjodu ta' żmien jispeċifika ż-żmien disponibbli għat-twettiq tal-proċess. Il-perjodi jistgħu jiġu espressi f'jiem, f'ġimgħat, f'xhur jew fi snin.

Jekk il-liġi ma tistipulax perjodu ta' żmien jew skadenza, għandu jinftiehem li l-att irid jitwettaq mingħajr dewmien.

Kwalunkwe dewmien fil-proċedimenti tal-qorti jista' jirriżulta fi ksur tad-dritt għal proċess mingħajr dewmien żejjed, li jitqies bħala parti mid-dritt fundamentali għal protezzjoni legali effettiva. Sabiex jiġi ddeterminat jekk hemmx dewmien żejjed, isir riferiment għall-kunċett ta' terminu raġonevoli, li jieħu inkunsiderazzjoni fatturi bħall-kumplessità tat-tilwima, it-tul ta' żmien li normalment jieħu t-tip ta' tilwima inkwistjoni, l-interess tal-parti fil-kawża u tal-aġir proċedurali tagħha, kif ukoll l-aġir tal-awtoritajiet jew it-teħid inkunsiderazzjoni tar-riżorsi disponibbli. Jekk dan iseħħ, tista' ssir valutazzjoni tar-responsabbiltà tal-qrati u tal-persunal tal-qorti, jew tar-responsabbiltà finanzjarja tal-Istat, għad-dannu kkawżat lill-parti leża.

Minbarra t-termini proċedurali, hemm il-kwistjoni separata tat-termini għall-eżerċizzju ta' drittijiet legali materjali (limitazzjoni u preskrizzjoni) li huma stabbiliti fil-liġijiet sostantivi u li jiddeterminaw in-nuqqas ta' azzjoni mressqa. Madankollu, dawn għandhom jiġu kkunsidrati fis-sentenza u ma jistgħux jimpedixxu l-proċedimenti milli jitmexxew.

## 2 Il-lista tal-jiem varji li mhumiex meqjusa jiem tax-xogħol skont ir-Regolament (KEE, Euratom) nru 1182/71 tat-3 ta' Ġunju 1971.

Ir-regolament, fil-qasam tar-regoli dwar il-proċeduri amministrattivi, jinsab fl-Artikolu 30 tal-Liġi 30/2015 dwar il-Proċedura Amministrattiva Komuni fl-Amministrazzjonijiet Pubbliċi (*Procedimiento Administrativo Común de las Administraciones Públicas*), li skontu:

1. Sakemm id-dritt Spanjol jew il-leġiżlazzjoni tal-UE ma jiddikjarawx mod ieħor, fejn il-perjodi ta' żmien huma espressi f'sigħat, dawn jitqiesu li jirreferu għas-sigħat tax-xogħol. Is-sigħat kollha ta' jum li jiffurmaw parti minn jum tax-xogħol huma s-sigħat tax-xogħol.

Meta l-perjodu ta' żmien jiġi espress f'sigħat, dawn jibdew jiddekorru mis-siegħa u l-minuta li fiha l-att jiġi nnotifikat jew ippubblikat. Tali perjodi ta' żmien ma għandhomx jaqbżu l-24 siegħa, f'liema każ għandhom jiġu espressi f'jiem.

2. Bl-istess mod, sakemm id-dritt Spanjol jew il-leġiżlazzjoni tal-UE ma jiddikjarawx mod ieħor, fejn il-perjodi ta'

żmien huma espressi f’jiem, dawn jitqiesu li jirreferu għal jiem tax-xogħol, esklużi s-Sibtijiet, il-Ħdud u l-festi pubbliċi.

Meta l-perjodi ta’ żmien ikunu ġew stabbiliti f’jiem kalendarji minħabba li d-dritt Spanjol jew tal-Unjoni Ewropea jipprevedi dan, dan għandu jiġi ddikjarat fin-notifiki rilevanti.

3. Meta l-perjodu ta’ żmien ikun espress f’jiem, dawn jingħaddu mill-jum ta’ wara dak li fih jiġi nnotifikat jew ippubblikat l-att inkwistjoni, jew mill-jum ta’ wara dak meta l-applikazzjoni titqies li ntlaqgħet jew ġiet miċħuda fin-nuqqas ta’ risposta mill-awtoritajiet rilevanti.

4. Meta l-perjodu ta’ żmien jiġi espress f’xhur jew snin, dawn jibdew jiddekorru mill-jum ta’ wara dak li fih l-att jiġi nnotifikat jew ippubblikat, jew mill-jum ta’ wara dak li fih ir-rikors jitqies li ntlaqa’ jew ġie miċħud fin-nuqqas ta’ tweġiba mill-awtoritajiet ikkonċernati.

Il-perjodu ta’ żmien jintemm fl-istess jum bħad-data tan-notifika, il-pubblikazzjoni jew in-nuqqas ta’ tweġiba fix-xahar jew is-sena tal-iskadenza. Jekk ma jkun hemm ebda data ekwivalenti għad-data tal-bidu fl-aħħar xahar tal-perjodu, id-data ta’ skadenza titqies li tkun l-aħħar jum tax-xahar.

5. Jekk l-aħħar jum tal-perjodu jkun jum mhux tax-xogħol, il-perjodu jiġi estiż għall-jum tax-xogħol li jkun imiss.

6. Meta jum ikun jum tax-xogħol fil-muniċipalità jew fil-Komunità Awtonoma fejn tkun residenti l-parti kkonċernata u jum mhux tax-xogħol fil-post fejn ikun jinsab il-korp amministrattiv, jew viċi versa, dan jiġi ttrattat bħala jum mhux tax-xogħol fil-każijiet kollha.

7. Għall-fini tal-kalkolu tat-termini, il-kalendarju tal-jiem mhux tax-xogħol jiġi ddeterminat mill-Gvern Ċentrali u mill-amministrazzjonijiet tal-Komunità Awtonoma għall-oqsma ta’ responsabbiltà rispettivi tagħhom, soġġett għall-kalendarju uffiċjali tal-jiem tax-xogħol. Il-kalendarju approvat mill-Komunitajiet Awtonomi se jinkludi l-jiem mhux tax-xogħol għall-korpi tal-gvern lokali fiż-żona ġeografika inkwistjoni, li għalihom se japplika l-kalendarju.

Il-kalendarju jrid jiġi ppubblikat qabel il-bidu ta’ kull sena fil-gazzetta uffiċjali rilevanti u f’media oħra sabiex jiġi żgurat li jkun magħruf mal-pubbliku.

8. Il-fatt li jum ikun ġie ddikjarat bħala tax-xogħol jew mhux tax-xogħol għall-fini tal-kalkolu tal-perjodi ta’ żmien fih innifsu ma jiddeterminax kif joperaw l-uffiċċji tal-amministrazzjoni pubblika, jew kif jiġu organizzati s-sigħat u l-iskedi tax-xogħol ta’ kuljum.

Għall-fini tal-proċedimenti ġudizzjarji, il-jiem mhux tax-xogħol huma stipulati fl-Artikolu 182 tal-Liġi Organika dwar il-Ġudikatura. Dan jistabbilixxi dawn li ġej:

1. Dawn li ġejjin huma jiem mhux tax-xogħol għal finijiet proċedurali: is-Sibtijiet u l-Ħdud; l-24 u l-31 ta’ Diċembru; il-festi pubbliċi nazzjonali, reġjonali u lokali. Permezz ta’ regolament, il-Kunsill Ġenerali tal-Ġudikatura jista’ jawtorizza l-proċeduri ġudizzjarji f’dawn il-jiem f’każijiet mhux previsti espliċitament mil-liġi.
2. Jum tax-xogħol jibda mit-tmienja ta’ filgħodu sat-tmienja ta’ filgħaxija, sakemm il-liġi ma tistabbilixxix mod ieħor.

F’konformità mal-Artikolu 183 tal-istess dokument legali, il-jiem f’Awwissu huma jiem mhux tax-xogħol, u hekk ukoll kull jum mill-24 ta’ Diċembru sas-6 ta’ Jannar tas-sena ta’ wara, b’dawn il-jiem inklużi, għall-proċedimenti ġudizzjarji kollha, ħlief dawk iddikjarati urġenti mil-liġi proċedurali. Madankollu, permezz ta’ regolament, il-Qorti Ġenerali tal-Ġudikatura tista’ tawtorizzahom għall-finijiet ta’ proċedimenti oħrajn.

## 3 Liema huma r-regoli ġenerali li japplikaw għall-iskadenzi fir-rigward ta’ proċeduri ċivili differenti?

Ir-regoli huma stabbiliti fil-Kapitolu II tat-Titolu V tal-Ktieb I tal-Liġi Nru 1/2000 dwar il-Proċedura Ċivili (*Ley de Enjuiciamiento Civil*, minn hawn ’il quddiem “il-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili”, jew is-“CPL”, Civil Procedure Law), l-Artikoli 130 sa 136.

Il-karatteristiċi ewlenin tar-regoli kurrenti huma dawn li ġejjin:

a) il-proċeduri ġudizzjarji kollha jridu jitwettqu fil-jiem tax-xogħol u waqt is-sigħat tax-xogħol:

Il-jiem tax-xogħol huma l-jiem kollha tas-sena, ħlief is-Sibtijiet u l-Ħdud, u l-jiem bejn l-24 ta' Diċembru u s-6 ta' Jannar tas-sena ta' wara, b'dawn il-jiem inklużi, il-festi nazzjonali u l-festi pubbliċi għall-finijiet tax-xogħol fil-Komunità Awtonoma jew fil-lokalità rispettiva. Anki l-jiem f'Awwissu huma jiem mhux tax-xogħol u l-qrati ma jibagħtux notifiki elettroniċi lill-prattikanti legali f'dawn il-jiem, sakemm ma jitqisux bħala jiem tax-xogħol għall-finijiet tal-formalitajiet inkwistjoni.

Is-sigħat tax-xogħol huma mit-tmienja ta' filgħodu sat-tmienja ta' filgħaxija, sakemm il-liġi ma tistipulax mod ieħor għal proċedura speċifika. Għall-finijiet ta' notifika u ta' eżekuzzjoni, is-sigħat mit-tmienja sal-għaxra ta' filgħaxija dejjem jitqiesu bħala sigħat tax-xogħol.

Bħala eċċezzjoni, għal ċerti proċeduri, bħas-sottomissjoni ta' offerti f'irkant elettroniku, it-terminu huwa definit f'termini ta' jiem kalendarji, u ma hemmx sigħat mhux tax-xogħol. L-Artikolu 649 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili jistabbilixxi perjodu ta' 20 jum kalendarju mill-bidu tal-irkant, u l-irkant ma jagħlaqx qabel siegħa wara li ssir l-aħħar offerta, dment li din tkun ogħla mill-ogħla offerta preċedenti, anki jekk dan ikun ifisser li l-perjodu inizjali ta' 20 jum imsemmi f'dak l-artikolu jiġi estiż b'sa 24 siegħa.

b) Il-jiem u l-ħinijiet jistgħu jitqiesu bħala jiem u sigħat tax-xogħol għall-finijiet ta' proċeduri meqjusa urġenti, jiġifieri fejn dewmien jista' jkun ta' detriment serju għall-partijiet ikkonċernati jew għall-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja, jew jista' jagħmel deċiżjoni tal-qorti ineffettiva, (*Eżempji jinkluduammissjoni mhux volontarja fi sptar psikjatriku; u miżuri ġudizzjarji meħuda fl-"aħjar interess" tal-minuri f'kunflitti ta' kwalunkwe tip li jirriżultaw minn proċedimenti ċivili, eċċ.*). Dan jista' jsir fuq l-inizjattiva tal-qorti jew fuq talba tal-parti kkonċernata u jista' jiġi ordnat mill-konsulent legali jew mill-qorti nnifisha, skont kif ikun il-każ.

Fi kwalunkwe każ, jistgħu jittieħdu miżuri urġenti f'Awwissu mingħajr il-ħtieġa ta' awtorizzazzjoni espliċita. B'mod simili, l-awtorizzazzjoni ma tkunx meħtieġa jekk il-miżuri urġenti mibdijin matul is-sigħat tax-xogħol ikollhom neċessarjament jitkomplew f'sigħat li ma jkunux sigħat tax-xogħol.

c) Fir-rigward tal-kalkolu tal-perjodi ta' żmien, il-perjodu jibda jiddekorri mill-jum wara dak tan-notifika legali tal-bidu tal-perjodu, u jinkludi l-aħħar jum tal-perjodu, li jintemm f'nofs il-lejl.

Madankollu, meta l-liġi tistipula li perjodu ta' żmien jibda jiddekorri malli jiskadi perjodu ta' żmien ieħor, huwa jibda jiddekorri mill-għada tal-iskadenza tal-perjodu ta' qabel, mingħajr kwalunkwe ħtieġa ta' notifika ġdida.

d) Ħlief meta jkun hemm eċċezzjonijiet (persuni fiżiċi f'talbiet anqas minn EUR 2 000), id-dokumenti jiġu ppreżentati (l-Art. 135 tas-CPL) permezz tas-sistemi online u elettroniċi tal-qrati. Dawn huma obbligatorji għall-prattikanti legali u għal ċerti litiganti, anki meta ma jkunux irrappreżentati minn rappreżentant tal-qorti (pereżempju, persuni ġuridiċi, nutara u reġistraturi: ara l-Artikolu 273 tas-CPL). Il-partijiet jistgħu jagħżlu wkoll li jużaw dawn is-sistemi anki meta ma jkunux meħtieġa jagħmlu dan. Meta d-dokumenti jiġu ppreżentati b'mod elettroniku, tiġi pprovduta konferma fil-forma ta' rċevuta elettronika li tinħareġ b'mod awtomatiku. L-irċevuta tinkludi n-numru tal-entrata fir-reġistru u d-data u l-ħin tas-sottomissjoni, li huwa l-ħin li fih id-dokument jitqies li ġie ppreżentat għall-finijiet kollha. Il-prattikanti jistgħu jippreżentaw is-sottomissjonijiet u dokumenti oħrajn b'mod elettroniku 24 siegħa kuljum, kull jum tas-sena. Meta dokument jiġi ppreżentat f'jum mhux tax-xogħol jew barra mis-sigħat tax-xogħol, dan jitqies li ġie ppreżentat fil-bidu tal-jum tax-xogħol li jkun imiss. Hemm ukoll dispożizzjoni biex il-perjodi ta' żmien li jkunu waslu biex jiskadu jiġu estiżi meta dokument obbligatorju ma jkunx jista' jiġi ppreżentat sal-iskadenza minħabba interruzzjoni mhux ippjanata fis-servizz tal-komunikazzjonijiet online. Dan japplika wkoll għal interruzzjonijiet ippjanati u każijiet fejn is-sottomissjoni ta' dokument obbligatorju ma tistax tiġi ppreżentata minħabba nuqqasijiet relatati maż-żmien u nuqqasijiet oħra fil-prodotti tal-IT użati mill-qrati. F'dawn il-każijiet kollha, il-preżentata fil-jum tax-xogħol li jmiss hija permessa, jekk tingħata spjegazzjoni għall-impossibbiltà ta' sottomissjoni aktar bikrija.

Ikun xi jkun il-metodu ta' preżentata li jintuża, kwalunkwe dokument soġġett għal terminu jista' jiġi ppreżentat sat-3 p.m. fil-jum tax-xogħol wara dak li fih jiskadi l-perjodu ta' żmien.

Fil-proċedimenti fil-qrati ċivili, id-dokumenti tat-talbiet ma jistgħux jiġu ppreżentati lill-qorti responsabbli.

e) Il-perjodi ta' żmien ma jistgħux jiġu estiżi: jekk parti tonqos milli tosserva t-terminu, hija titlef l-opportunità li twettaq l-att proċedurali inkwistjoni.

LINK TAL-WEB:

LIĠI DWAR IL-PROĊEDURA ĊIVILI (*LEY DE ENJUICIAMIENTO CIVIL*)

# 4 Meta jkun meħtieġ li att jew formalità jitwettqu fi żmien stabbilit minn qabel, dan meta jibda jiddekorri?

Ir-regola ġenerali fl-Artikolu 151 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili hija li n-notifika tad-deċiżjonijiet kollha maħruġin mill-qrati jew mill-konsulenti legali trid issir fi żmien 3 ijiem mid-data tad-deċiżjoni jew mid-data tal-pubblikazzjoni.

L-Artikolu 151(2) jiddikjara li meta ssir in-notifika lill-Prosekutur Pubbliku, lis-Servizz Legali tal-Gvern, lill-Konsulent għall-Parlament Spanjol (*Cortes Generales*) u lill-Assemblej Leġiżlattivi jew lill-Konsulent għas-Servizz Legali tal-Amministrazzjoni tas-Sigurtà Soċjali jew lil korpi oħrajn tal-Komunitajiet Awtonomi jew lil organizzazzjonijiet tal-gvern lokali, u meta n-notifika ssir permezz tal-Korpi Professjonali tar-Rappreżentanti Proċedurali tal-Qorti, din titqies li saret fil-jum tax-xogħol li jkun imiss wara d-data tal-irċevuta rreġistrata fir-reġistru formali, jew fil-konferma tal-irċevuta meta n-notifika ssir b'mod elettroniku jew online. Meta n-notifika tintbagħat wara t-3 p.m., din titqies bħala li waslet fil-jum tax-xogħol ta' wara.

L-Artikolu 151(3) iżid li meta l-kunsinna ta' dokument jew ta' ordni li għandha takkumpanja n-notifika sseħħ f'data sussegwenti għar-riċevuta tan-notifika, in-notifika titqies li tkun saret meta tkun ġiet irreġistrata l-kunsinna tad-dokument, dment li l-effetti tal-avviż ikunu marbutin mad-dokument.

# 5 Il-bidu tad-dekorrenza jista' jiġi affettwat jew modifikat mill-metodu ta' trażmissjoni jew ta' notifika tad-dokumenti (servizz personali minn marixxall jew servizz postali)?

Meta n-notifika ta' deċiżjoni ssir minn uffiċjal ġudizzjarju jew bil-posta, id-data rilevanti hija d-data tal-kunsinna tad-dokument mill-uffiċjal ġudizzjarju jew mis-servizz postali u li fiha ġiet ffirmata meta d-dokument kien riċevut.

Meta n-notifika ssir permezz ta' pubblikazzjoni skont l-Artikolu 164 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili minħabba li l-indirizz tal-intimat ma jkunx magħruf, il-perjodu jibda jiddekorri mill-għada li titwaħħal fuq l-avviżiera tal-qorti jew tiġi ppubblikata fil-Gazzetta Statali Uffiċjali jew b'mod elettroniku, skont kif ikun applikabbli.

Meta jkun meħtieġ li l-kopji tad-dokumenti ppreżentati mir-rappreżentanti tal-qorti jiġu trasferiti lir-rappreżentanti tal-qorti tal-partijiet l-oħra, l-Artikolu 278 tas-CPL jistipula li jekk bil-liġi l-att trasferit jiskatta l-bidu ta' perjodu ta' żmien li fih jeħtieġ li jittieħed pass proċedurali, dak il-perjodu jibda jiddekorri mingħajr l-involviment tal-qorti u jiġi kkalkolat mid-data ta' wara dik irreġistrata fuq il-kopji li ġew trasferiti jew id-data li fiha jitqiesu li ġew trasferiti meta ssir kunsinna elettronika tagħhom. Fil-każ tal-aħħar, għandha titqies li tkun saret fid-data u l-ħin murija fuq l-irċevuta li tafferma l-preżentata tiegħu. Meta dokument jiġi ppreżentat f'jum mhux tax-xogħol jew barra mis-sigħat tax-xogħol, dan jitqies li ġie ppreżentat fil-bidu tal-jum tax-xogħol li jkun imiss.

F'konformità mal-Artikolu 162 tas-CPL, meta n-notifiki jintbagħtu b'mod elettroniku, bl-użu tal-IT jew mezzi simili lill-partijiet jew lir-riċevituri ta' tali notifiki, li huma legalment jew kuntrattwalment obbligati li jibagħtuhom u jirċevuhom b'mod elettroniku, jew fejn id-destinatarji jagħżlu li jagħmlu dan, kif ukoll fi kwalunkwe każ ieħor previst mil-liġi, il-prova tar-riċevuta għandha turi li seħħet il-kunsinna ta' tali notifiki.

Il-prattikanti legali u r-riċevituri li huma obbligati jużaw mezzi elettroniċi, kif ukoll dawk li jagħżlu li jużawhom, iridu jinfurmaw lill-qrati li għandhom tali mezzi għad-dispożizzjoni tagħhom. Huma għandhom jipprovdu wkoll indirizz tal-posta elettronika għal dan l-għan. Fi kwalunkwe każ, meta n-notifika tiġi trażmessa b'mod korrett b'mezzi elettroniċi, bl-eċċezzjoni ta' dawk imwettqa mis-servizzi tan-notifiki tal-Korpi Professjonali tar-Rappreżentanti Proċedurali tal-Qorti (*Colegios de Procuradores*), jekk jgħaddu 3 ijiem mingħajr ma r-riċevitur ikollu aċċess għall-kontenut tiegħu, jiġi mifhum li l-komunikazzjoni tkun ġiet trażmessa legalment b'effett sħiħ. Jekk dan ikun il-każ, it-termini għat-twettiq tad-diversi stadji fil-proċedura għandhom jibdew fil-jum tax-xogħol wara t-tielet jum tax-xogħol.

Għandhom isiru eċċezzjonijiet meta r-riċevitur jipprovdi evidenza li ma setax jaċċessa s-sistema ta' notifika

matul dak il-perjodu. Jekk in-nuqqas ta' aċċess ikun dovut għal raġunijiet tekniċi u dawk ir-raġunijiet ikunu għadhom fis-seħħ meta jinġiebu għall-attenzjoni tal-qorti, in-notifika għandha ssir billi tingħata kopja (stampata) tad-deċiżjoni. F'każijiet bħal dawn, madankollu, fejn l-aċċess iseħħ wara l-iskadenza, iżda qabel ma ssir il-komunikazzjoni permezz ta' kunsinna fiżika, il-komunikazzjoni għandha titqies li tkun saret b'mod korrett fid-data murija fuq l-irċevuta elettronika.

Każijiet ta' forza maġġuri li fihom il-Korpi Professjonali tar-Rappreżentanti Proċedurali tal-Qorti jkunu ssospendew it-trażmissjoni tas-servizz ta' notifiki għal perjodu massimu ta' 3 ijiem, kif previst fl-Artikolu 151(2), għandhom jiġu esklużi wkoll.

## 6 Jekk iż-żmien jibda jiddekorri meta jitwettaq xi avveniment, il-jum li fih jitwettaq l-avveniment ikun jgħodd għall-kalkolu taż-żmien?

Il-kalkolu jibda mill-għada tal-jum meta jkun seħħ l-avveniment li, bil-liġi jiskatta, l-bidu tal-perjodu ta' żmien.

## 7 Meta skadenza tkun espressa f'jiem, l-għadd ta' jiem indikat ikun jinkludi l-jiem tal-kalendarju jew il-jiem tax-xogħol?

Il-jiem mhux tax-xogħol huma esklużi mill-kalkoli tal-perjodi ta' żmien, ħlief kif spjegat aktar 'il fuq għal offerti fi rkanti elettroniċi, fejn il-perjodu jkun espress f'jiem kalendarji.

Meta jiġu kkalkolati l-perjodi ta' żmien għal azzjonijiet urġenti, il-jiem f'Awwissu ma jiġux ikklassifikati bħala jiem mhux tax-xogħol: huma biss is-Sibtijiet, il-Ħdud u l-festi pubbliċi li jiġu esklużi mill-kalkolu.

## 8 Meta skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin?

Il-perjodi ta' żmien espressi f'xhur jew fi snin jiġu kkalkolati minn data għall-oħra. Il-leġiżlazzjoni Spanjola ma tipprevedi l-ebda perjodu ta' żmien espress f'ġimgħat.

## 9 Jekk skadenza bħal din tkun espressa f'ġimgħat, xhur jew snin, meta tiskadi?

Jekk ma jkun hemm ebda data ekwivalenti għad-data tal-bidu fl-aħħar xahar tal-perjodu, id-data ta' skadenza titqies li tkun l-aħħar jum tax-xahar.

## 10 Jekk meta tiskadi d-data tal-iskadenza jkun nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika jew jum mhux tax-xogħol, din tiġi estiża sal-ewwel jum tax-xogħol li jkun imiss?

Meta terminu jiskadi nhar ta' Sibt, nhar ta' Ħadd jew f'jum mhux tax-xogħol ieħor, dan jitqies li huwa estiż sal-jum tax-xogħol li jkun imiss.

## 11 Hemm ċirkostanzi li fihom jiġu estiżi l-iskadenzi? X'inhuma l-kundizzjonijiet biex wieħed jibbenefika minn dawn l-estensjonijiet?

Il-perjodi ta' żmien ma jistgħux jiġu estiżi. Madankollu, il-perjodi jistgħu jiġu interrotti, u l-iskadenzi jistgħu jiġu estiżi meta ma jkunux jistgħu jiġu osservati għal raġunijiet ta' forza maġġuri. F'dawn il-każijiet, il-ħin jerġa' jibda jiskorri meta tkun waqfet tapplika r-raġuni għall-interruzzjoni jew għall-estensjoni. Il-konsulent legali, fuq mozzjoni tiegħu stess jew fuq talba tal-parti affettwata mis-sitwazzjoni, irid isib provi ta' tali sitwazzjoni ta' forza maġġuri f'seduta li għaliha jattendu l-partijiet l-oħrajn. Dan japplika wkoll għal sitwazzjonijiet fejn l-avukat jew ir-rappreżentant proċedurali tal-qorti ma jkunux jistgħu jassumu l-funzjoni tagħhom. (Ara t-tweġiba għall-mistoqsija 13.)

## 12 X’inhuma l-iskadenzi għall-appelli?

It-termini għad-diversi tipi ta’ appell huma stabbiliti mil-liġi u ma jistgħux jiġu estiżi. Għall-appelli quddiem il-qorti superjuri li jmiss (*recursos de apelación*) u quddiem il-Qorti Suprema (*recursos de casación*), il-perjodu ta’ żmien huwa ta’ 20 jum mill-jum wara n-notifika tad-deċiżjoni ġudizzjarja (l-Artikoli 458 u 479 tas-CPL).

## 13 Il-qrati jistgħu jimmodifikaw l-iskadenzi, b'mod partikolari l-iskadenzi għad-dehra jew jiffissaw data speċjali għad-dehra?

It-termini statutorji ma jistgħux jiġu estiżi. F’xi każijiet, il-liġi tesiġi li l-qorti tiffissa data u ħin speċifiċi għal att.

Bħala eċċezzjoni, hemm dispożizzjoni sabiex il-perjodi jiġu interrotti u l-iskadenzi jiġu estiżi fil-każ ta’ forza maġġuri:

a. Din tinsab fl-Artikolu 134(2) tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili. Il-konsulent legali, fuq mozzjoni tiegħu stess jew fuq talba tal-parti affettwata mis-sitwazzjoni, irid isib provi ta’ tali sitwazzjoni ta’ forza maġġuri f’seduta li għaliha jattendu l-partijiet l-oħrajn. Appell għal stħarriġ tad-deċiżjoni tal-konsulent jista’ jitressaq quddiem il-qorti. F’dan il-każ, il-kalkolu għandu jerġa’ jibda fiż-żmien meta l-kawża tal-interruzzjoni jew id-dewmien ma jibqgħux jeżistu.

Hemm ukoll dispożizzjoni speċifika, għal perjodu ta’ tlett ijiem tax-xogħol, għal raġunijiet oġġettivi ta’ forza maġġuri li jaffettwaw lill-avukati jew lir-rappreżentanti proċedurali tal-qorti, bħat-twelid u l-kura ta’ minuri, mard serju u inċident li jinvolvi dħul l-isptar, mewt ta’ qraba sat-tieni grad ta’ konsangwinità jew affinità jew l-assenza mix-xogħol iċċertifikata mis-sistema tas-sigurtà soċjali jew mis-sistema tas-saħħa jew dispożizzjoni soċjali ekwivalenti. Tali raġunijiet għandhom jiġu pprovduti mill-Kamra tal-Avukati (*Colegio de Abogados*) jew mill-Korpi Professjonali tar-Rappreżentanti Proċedurali tal-Qorti, jew mill-partijiet involuti.

b. Ladarba tkun ġiet stabbilita data għal seduta, jekk kwalunkwe waħda minn dawk il-persuni mħarrka sabiex jidhru quddiem il-qorti ma tkunx tista’ tagħmel dan għal raġunijiet ta’ forza maġġuri jew għal kawżi simili, hija għandha tgħarraf lill-qorti minnufih, tipprovdi prova tar-raġuni u titlob seduta jew deċiżjoni ġdida (l-Artikolu 183(1) u l-Artikoli 189 u 430 tas-CPL). Tiġi appuntata seduta ġdida jekk il-prova tas-sitwazzjoni tiġi aċċettata u jekk din is-sitwazzjoni ma tippermettix lil dawn li ġejjin jattendu: l-avukat (l-Artikolu 183(2) u l-Artikolu 188(1)(5) u (6) tas-CPL); parti li l-preżenza tagħha tkun neċessarja minħabba li ma tkunx assistita minn avukat jew minħabba li tkun trid tiġi eżaminata; (l-Artikoli 183(3) u 188(4) tas-CPL); jew xhud jew espert. Fil-każ tal-aħħar, ix-xhud jew l-espert jista’ minflok jintalab jeżamina l-evidenza barra s-seduta, ladarba jkunu nstemgħu l-partijiet (l-Artikolu 183(4) tas-CPL). Ir-raġuni għas-sospensjoni tissejjaħ espressament ir-raġuni għas-sospensjoni tal-liv għat-twelid jew għall-kura ta’ minuri mill-avukat tal-parti, f’liema każ notifika ġdida tista’ tinħareġ biss fi tmiem il-perjodu statutorju tal-liv obbligatorju. Dan japplika wkoll għal emerġenzi mediċi li jseħħu fl-istess jum tan-notifika jew f’perjodu ta’ 24 siegħa immedjatament qabel. Jekk xi waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi taffettwa lir-rappreżentant legali ta’ waħda mill-partijiet, u l-possibbiltà li jinħatar sostitut ma tippreżentax ruħha, is-seduta għandha tiġi sospiża wkoll, u ma tistax terġa’ tinfetaħ qabel ma jgħaddu 3 ijiem. F’dak il-punt il-Korp Professjonali tar-Rappreżentanti Proċedurali tal-Qorti jista’, fejn xieraq, jirranġa biex jiġi stabbilit is-sostitut tiegħu.

c. It-terminu għal persuna misjuba ħatja b’disprezz tal-qorti sabiex titlob l-annullament ta’ sentenza finali jista’ jiġi estiż f’każ ta’ forza maġġuri (l-Artikolu 502(2) tas-CPL).

d. Meta l-provi jiġu eżaminati qabel iseħħ il-proċess (li jista’ jiġi awtorizzat mill-imħallef skont l-Artikolu 293 *et seq.* tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili jekk ikun hemm biża’ fondata li mhux se jkun possibbli li l-provi jiġu eżaminati fl-istadju tas-soltu tal-proċediment), ir-rikors irid jiġi ppreżentat fi żmien xahrejn mill-eżami tal-provi, sakemm ma jiġix ippruvat li ma kienx possibbli li l-proċess jinbeda f’dak il-perjodu ta’ żmien għal raġunijiet ta’ forza maġġuri jew raġunijiet simili (l-Artikolu 295(3) tas-CPL).

Iż-żewġ partijiet jistgħu, permezz ta’ ftehim reċiproku, jippreżentaw rikors ukoll sabiex il-proċedimenti jiġu sospiżi, mingħajr ma jagħtu raġunijiet, sabiex ikunu jistgħu jipprovaw jilħqu ftehim jew soluzzjoni jew jissottomettu ruħhom għal medjazzjoni jew għal arbitraġġ. Il-proċedimenti ma jistgħux jiġu sospiżi għal aktar minn 60 jum jew sakemm titlesta l-medjazzjoni (l-Artikolu 19(4) u l-Artikolu 415 tas-CPL).

Jekk issir applikazzjoni għall-għajnuna legali, hemm żewġ xenarji possibbli, koperti mill-Artikolu 16 tal-Liġi 1/1996

tal-10 ta’ Jannar 1996 (il-Liġi dwar l-Għajnuna Legali), kif emendata bil-Liġi 42/2015 imsemmija aktar ’il fuq:

1. Jekk l-applikazzjoni ssir meta l-proċedimenti jkunu diġà nbdew, sabiex jiġi evitat li d-dritt għal azzjoni jiġi preskritt jew li waħda mill-partijiet tiġi mċaħħda mid-dritt għal proċess minħabba l-iskadenza tal-perjodu ta’ żmien, il-konsulent legali jew il-korp amministrattiv, *ex officio* jew fuq talba tal-partijiet, jista’ jordna sabiex il-perjodu jiġi sospiż sakemm tittieħed deċiżjoni dwar jekk għandhiex tingħata għajnuna legali jew le, jew sakemm ikun hemm ħatra provviżorja ta’ avukat u ta’ rappreżentant tal-qorti f’każijiet li fihom ir-rappreżentanza legali tkun obbligatorja jew meħtieġa fl-interessi tal-ġustizzja, dment li l-applikazzjoni tkun saret fil-perjodi ta’ żmien stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-proċedura ċivili.

2. Meta l-applikazzjoni għall-għajnuna legali ssir qabel il-bidu tal-proċedimenti u l-azzjoni tista’ tkun affettwata ħażin bl-iskadenza tal-perjodi ta’ preskrizzjoni, dawn il-perjodi jiġu interrotti jew sospiżi, rispettivament, sakemm issir ħatra proviżorja ta’ avukat tal-għajnuna legali u, jekk meħtieġ, ta’ rappreżentant tal-qorti, li jittratta l-każ f’isem l-applikant; u, jekk ma tista’ ssir l-ebda ħatra bħal din, sakemm tinħareġ deċiżjoni amministrattiva definittiva dwar jekk għandhiex tingħata għajnuna legali jew le.

Fi kwalunkwe każ, il-perjodu ta’ limitazzjoni jerġa’ jibda meta r-rikorrent jiġi nnotifikat bil-ħatra proviżorja ta’ avukat mill-Kamra tal-Avukati jew, fejn applikabbli, meta l-Bord tal-Għajnuna Legali joħroġ id-deċiżjoni tiegħu dwar jekk jagħtix għajnuna legali u, fi kwalunkwe każ, fi żmien xahrejn mir-rikors.

Jekk l-applikazzjoni tiġi miċħuda, ikun ċar li tkun abbużiva u intiża biss sabiex testendi l-perjodi ta’ żmien, il-qorti li tkun qed tisma’ l-kawża tista’ tikkalkola l-perjodi ta’ żmien fl-aktar termini stretti permessi mil-liġi, bil-konsegwenzi kollha li jirriżultaw minn dan.

Fil-proċedimenti orali li jikkonċernaw l-iżgumbrament minn residenza abitwali, bħal żgumbrament minħabba nuqqas ta’ ħlas jew l-iskadenza tat-terminu, l-Artikolu 441(5) tas-CPL jipprevedi każ ieħor ta’ sospensjoni tal-proċedimenti, li fih l-unità domestika kkonċernata tkun f’sitwazzjoni ta’ vulnerabbiltà soċjali jew ekonomika, sabiex l-awtoritajiet kompetenti jagħmlu proposta għal akkomodazzjoni mikrija soċjali alternattiva diċenti, għal miżuri ta’ kura immedjati jew għal għajnuna finanzjarja jew sussidji possibbli li minnhom jista’ jibbenefika l-intimat. Wara li tikseb l-informazzjoni mingħand l-awtoritajiet pubbliċi responsabbli għall-assistenza għall-akkomodazzjoni u soċjali u tisma’ lill-partijiet, il-qorti tiddeċiedi permezz ta’ ordni dwar jekk tissospendix il-proċedimenti għall-adozzjoni tal-miżuri proposti mill-awtoritajiet pubbliċi għal perjodu massimu ta’ xahrejn jekk ir-rikorrent ikun persuna fiżika, jew għal 4 xhur fil-każ ta’ persuna ġuridika.

Ladarba l-miżuri jkunu ġew adottati mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jew wara l-iskadenza tal-perjodu massimu għas-sospensjoni, is-sospensjoni għandha titneħħa b’mod awtomatiku u l-proċedura għandha tkompli bil-formalitajiet kollha tagħha.

## 14 Meta att maħsub għal parti li tkun residenti f’post fejn hija tibbenefika minn estensjoni tal-iskadenza jiġi nnotifikat f’post fejn min jirrisjedi fih ma jibbenefikax minn estensjoni bħal din, il-persuna titlef il-benefiċċju ta’ din l-iskadenza?

Mhux applikabbli.

## 15 X’inhuma l-konsegwenzi jekk ma jiġux rispettati l-iskadenzi?

B’mod ġenerali, parti li tonqos milli tikkonforma ma’ perjodu ta’ żmien jew skadenza titlef id-dritt li twettaq l-azzjoni inkwistjoni (l-Artikolu 136 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili). Uħud mill-aktar eżempji sinifikanti huma dawn li ġejjin:

- Fir-rigward tad-dehra tal-intimat fil-proċess, huwa jinstab ħati b’disprezz tal-qorti (l-Artikoli 442(2) u 496(1) tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili) u l-proċess ikompli mingħajr ma l-intimat jerġa’ jitħarrek. Huwa jiġi nnotifikat biss b’din id-deċiżjoni u bid-deċiżjoni finali li ttemm il-proċess (l-Artikolu 497 tas-CPL).
- Fi proċedimenti ordinarji, jekk ir-rikorrent jew l-avukat tar-rikorrent jonqos milli jidher fis-seduta ta’ qabel il-proċess u l-intimat ma jidhirx jew inkella jidher iżda ma jaffermax interess leġittimu fil-kontinwazzjoni tal-proċedimenti, il-kawża tiġi miċħuda (l-Artikolu 414).

- Fi proċedimenti orali, jekk ir-rikorrent jonqos milli jidher u l-intimat ma jafferma ebda interess leġittimu fil-kontinwazzjoni tal-proċedimenti, ir-rikorrent jitqies bħala li waqqaf il-proċedimenti. Ir-rikorrent jiġi ordnat iħallas l-ispejjeż u jħallas lill-intimat kumpens meta l-intimat jitolbu u jipprovdi evidenza tad-dannu u t-telf imġarrab (l-Artikolu 442(1) tas-CPL).
- Minkejja d-dmir tal-qorti li tiġġestixxi b'mod attiv il-kawżi, fejn ma jkun hemm l-ebda attività fil-proċedimenti, dawn jiskadu, u l-forom kollha ta' azzjonijiet u appelli fl-istanzi kollha jitqiesu li ġew abbandunati (l-Artikolu 237 tas-CPL). Il-proċedimenti fil-prim'istanza jiskadu wara sentejn ta' inattività u jitqiesu li ġew irtirati, li jfisser li jkun possibbli li tinbeda azzjoni ġdida. Il-proċedimenti fis-sekond'istanza jew li qegħdin jistennew appell straordinarju fuq il-bażi ta' irregolarità proċedurali jew ta' appell quddiem il-Qorti Suprema jiskadu wara sena ta' inattività u l-parti titqies bħala li abbandunat kull forma ta' appell. Il-perjodi ta' żmien jiġu kkalkolati minn meta l-partijiet jiġu nnotifikati l-aħħar. Il-proċedimenti ma jiskadux meta jitwaqqfu minħabba forza maġġuri jew raġunijiet oħrajn mhux fil-kontroll tal-partijiet.
- Il-proċedimenti ta' eżekuzzjoni ma jiskadux u jistgħu jikomplew sakemm tiġi eżegwita s-sentenza, anki jekk jibqgħu inattivi għall-perjodi deskritti hawn fuq. Iżda sabiex dan japplika, jeħtieġ li jkunu nbdew il-proċedimenti ta' eżekuzzjoni, minħabba li l-Artikolu 518 tal-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili jimponi perjodu ta' preskrizzjoni ta' 5 snin fuq kwalunkwe azzjoni ta' eżekuzzjoni bbażata fuq sentenza tal-qorti, fuq deċiżjoni tal-qorti jew fuq ftehim ta' medjazzjoni. Il-perjodu ta' 5 snin jibda jiddekorri meta deċiżjoni ssir finali. Għalhekk, jekk talba għall-eżekuzzjoni ma tiġix ippreżentata f'dan il-perjodu ta' żmien, it-terminu jiskadi u jintilef id-dritt li s-sentenza tiġi eżegwita permezz tal-qrati.

## 16 Jekk id-data ta' l-iskadenza tkun għaddiet, x'inhuma r-rimedji disponibbli għal dawk li ma jkunux irrispettawha, jiġifieri l-partijiet inadempjenti?

Meta parti tiġi informata li l-iskadenza għal azzjoni partikolari skadiet, li twassal għall-bidu tal-istadju proċedurali li jmiss, jew meta s-sottomissjoni jew ir-rikors ta' parti jiġi miċħud minħabba li jkun tardiv, il-parti tista' tappella kontra d-deċiżjoni. Dan ikun il-każ, pereżempju, jekk id-difiża għal talba tiġi rrifjutata minħabba li tkun ġiet ippreżentata wara l-iskadenza.

Xi ħadd li jkun ġie kkundannat *in absentia* u li lilu tkun ġiet innotifikata sentenza personalment jista' jappella biss quddiem il-qorti superjuri li jmiss (*recurso de apelación*) jew quddiem il-Qorti Suprema (*recurso de casación*) jekk tali appell isir fil-limitu ta' żmien statutorju. L-istess rimedji jistgħu jintużaw mill-intimat li jonqos milli jidher u li ma jkunx ġie nnotifikat personalment bis-sentenza, iżda f'dan il-każ it-terminu għall-preżentata ta' tali appelli għandu jibda mill-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni li tagħti s-sentenza fuq l-Avviżiera Ġudizzjarja Unika jew, skont il-każ, bil-mezzi elettroniċi msemmija fl-Artikolu 497(2). (L-Artikolu 500 tas-CPL).

Meta xi ħadd ikun naqas b'mod persistenti milli jidher fil-qorti, jista' jfittex li sentenza finali tiġi annullata jekk ma setax jidher fil-qorti jew ma kienx jaf bl-eżistenza tal-proċedimenti għal raġunijiet ta' forza maġġuri (l-Artikolu 501 *et seq*. tas-CPL).

---

L-aħħar aġġornament: 23/04/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.